IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 29**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** — Data u ħin
**It-Tnejn 27 ta' Ottubru 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 27**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G27 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 27

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7:08 ta' filgħaxija.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**2.00** **Punti li joħorġu mill-Minuti G 27** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 27

2.01 3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li fit-3 ta' Ottubru 2014 kienet giet riċevuta b'imejl l-approvazzjoni mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill', u li tali ħlasijiet kienu bdew isiru lill-kuntratturi konċernati. — Rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill'

Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa jekk l-awtorizzazzjoni mogħtija mid-direttur kinitx ingħatat ukoll għal dawk ix-xogħlijiet li kienu jaqbżu l-ammont ta' *direct order*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġie awtorizzat li jħallas kull *invoice* li hemm imsemmija fir-rapport.

**3.00** **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li Dr Tonio Cachia kien ressaq ilment quddiem il-Bord tal-Governanza rigward id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fl-għażla tal-kwotazzjoni (RLC/Q/086/2014) għal servizz ta' avukat. — Ilment quddiem il-Bord tal-Governanza

Il-Kunsill iddeċieda li sakemm jirċievi struzzjonijiet oħra jibqa' jagħmel użu mill-kwotazzjoni eżistenti.

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa bi spiża addizzjonali meħtieġa għal xogħlijiet fuq il-*main* tad-drenaġġ ta' Triq Santa Rita. Wara diskussjonijiet li saru mal-WSC, il-kuntrattur tal-proġett, il-*project leader* u l-perit inkarigat mill-proġett, irriżulta li dawn ix-xogħlijiet huma stmati li jlaħħqu €35,583.50. Mill-istima rriżulta li l-Kunsill irid iħallas is-somma ta €8,352.28. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din l-ispiża ma tagħmilx parti mill-finanzjament tal-proġett. — Xogħlijet fuq il-*main* tad-drenaġġ ta' Triq Santa Rita

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo il-Kunsill qabel unanimament li jidħol għal din l-ispiża.

**4.00** **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 239 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 239

**5.00** ***Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li *item* 5 jerġa' jitla' fuq l-aġenda li jmiss minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill jinsab indispost. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Quarterly Financial Statements* (Lulju-Settembru)

**6.00** **Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1 -**

**RLC/T/127/13**

6.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/127/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1 - RLC/T/127/13

**7.00 Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 - RLC/T/128/13**

7.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/128/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 - RLC/T/128/13

**8.00 Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 - RLC/T/130/13**

8.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/130/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 - RLC/T/130/13

**9.00 Tiġdid tal-offerta għall-Kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid – RLC/T/116/12**

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/116/12 għall-Kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid – RLC/T/116/12

**10.00 Korrispondenza**

10.01 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/1622/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din il-bozza għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd.

Installazzjoni ta' bozoz

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-7:38 ta' filgħaxija.

10.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/1534/14**, riċevuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Huwa qal li l-Korporazzjoni kienet qiegħda titlob li sal-aħħar ta' Novembru 2014 il-Kunsill jgħaddilha l-lista ta' toroq pjanati li jsiru fis-sena 2015 u 2016.

Lista ta' toroq mitluba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li qabel tingħata tweġiba lil Korporazzjoni, is-Sindku jippreżenta l-istima tal-perit fis-seduta li jmiss ta' dawn

it-toroq:

-Triq San Bastjan
-Triq Inguanez
-Triq Konti Ruggieru (l-parti l-oħra)
-Triq San Piju V
-Triq il-Lellux

10.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1546/14,** il-Kunsill ġie infurmat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li d-Dipartiment tal-Artijiet kien ħareġ il-permess lil "Le Vin Snack Bar" Triq Santa Rita sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut. Permess għal tpoġġija ta' imwejjed u siġġijiet

10.04 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1577/14, is-Sindku informa l-laqgħa li l-kumpanija TCTC kienet qed titlob sabiex tagħmel użu mit-*training lab* tal-Kunsill biex jiġi organizzat il-kors EBIZ fil-lokalità. Is-Sindku ppropona li din it-talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Talba mill-kumpanija TCTC

**11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B03**

11.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija B03 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija B03

**12.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B03**

12.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù B03 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B03

**13.00 Materji Oħra**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa b'avviż maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dwar kors obbligatorju li ser isir għas-Segretarji Eżekuttivi fuq livell ta' Diploma fit-tmexxija maniġerjali fil-qasam tal-Gvern Lokali. Kors obbligatorju għas-SE

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li hemm bżonn li jsir *upgrade* tas-*software* tas-sistema tal-IT tal-Kunsill. Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li jinxtara dan is-*software*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo.
Il-Kunsill qabel unanimament. Xiri ta' *software*

13.03 Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill ser jinforma lill-għaqdiet Rabtin, li huma iż-Żgħażagħ Rabtin Pawlini, l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, l-Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u l-Madonna taċ-Ċintura biex dawn jieħdu ħsieb l-armar tat-toroq. Huwa qal ukoll li daħlitlu talba mill-Franġiskani Konventwali sabiex jarmaw it-Triq ta' San Frangisk u Triq l-Isptar. Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

Il-Kunsill qabel li l-kundizzjonijiet ikunu l-istess bħal tas-sena preċedenti inkluż il-qbil tal-ħlas finanzjarju fuq l-imsemmi xogħlijiet. Dwar it-talba tal-Frangiskani Konventwali l-Kunsill talab li nitolbuhom stima. Il-Kunsill approva unanimament.

13.04 Is-Sindku ppropona li jinqata' l-ħaxix ħażin mit-triq tal-Fiddien. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Qtugħ ta' ħaxix mit-triq tal-Fiddien*

13.05 Is-Sindku informa l-laqgħa li fis-seduta li jmiss kien ser jippreżenta stima tal-perit ta' parti mill-bankina ta' Triq Bir ir-Riebu. Il-Kunsill qabel. — *Bankina fi Triq Bir ir-Riebu*

13.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li ssir rampa għall-persuni b'diżabilità ġo Triq il-Kulleġġ k/m Triq Ferris. Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tal-perit kif ukoll stima dwar din it-talba. — *Rampa għall-persuni b'diżabilità*

13.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jsir rapport lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika dwar ġrieden li hemm fi Triq Inguanez. — *Ġrieden fi Triq Inguanez*

13.08 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li l-Kunsill jinforma lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali li l-laqgħa skedata mal-Onorevoli Buontempo baqgħet ma saritx. — *Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*

13.09 Il-Kunsillier Ian Vassallo ssuġġerixxa li din is-sena l-Kunsill jorganizza attività tal-Milied għat-tfal b'kunċett differenti minn dak tas-snin preċedenti. Ġie deċiż li fis-seduta li jmiss tittella' għad-diskussjoni l-proposta u l-istima għal din l-attività. — *Attività tal-Milied għat-tfal*

13.10 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li fi Triq Ħad-Dingli k/m Triq San Luqa hemm xelter tal-gwerra li jinsab mitluq. Huwa ppropona li ssir talba lis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg dwar il-possibbilità li jsir proġett ta' restawr ta' dan ix-xelter b'fondi Ewropej. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Xelter fi Triq Ħad-Dingli*

13.11 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippreżenta ritratti li juru l-istat ta' telqa u abbandun li tinsab fih iż-żona tas-Swatar ħdejn il-*computer centre*. Huwa talab li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex nistabbilixxu jekk din iż-żona hijiex tal-gvern jew tal-privat. Il-Kunsill qabel. — *Iż-żona tas-Swatar ħdejn il-computer centre*

13.12 Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li l-Kunsill jibda taħditiet mal-*Business Community* u mal-Kunsill Lokali tal-Imdina dwar il-kunċett ta' *park and ride* fil-*weekends.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsillier Rudolf Grima iddikjara kunflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel mal-proposta. — *Park and Ride fil-weekends*

13.13 Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li ssir talba lil Transport Malta sabiex issir zebra crossing bil-*pelican lights* fi Triq it-Tabija ħdejn ta' slampa. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Talba biex issir zebra crossing fi Triq it-Tabija*

13.14 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li hemm bżonn ta' rikostruzzjoni ta' parti mit-triq u l-bankina ta' Triq Nikola Saura. Hu ddikjara kunflitt ta' interess. — *Rikostruzzjoni ta' parti mit-triq u tal-bankina fi Triq Nikola Saura*

Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li tinbagħat ittra lil Transport Malta dwar dan, peress li tali triq taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' TM. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel.

13.15 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li kienu waslulu diversi lmenti dwar il-*bring-in-sites* ta' Triq it-Tabija. Huwa ssuġġerixxa li dawn il-*bring-in-sites* jitneħħew jew — *Bring-in-sites fi Triq it-Tabija*

jitpoġġew xi mkien ieħor.

Is-Sindku ppropona li fis-seduta li jmiss jiġi diskuss sit alternattiv għal dawn il-*bring-in-sites*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-mozzjoni għaddiet b'seba' voti favur u wieħed kontra.

13.16 Il-Kunsillier Rudolf Grima ġab għall-attenzjoni tas-Sindku li l-ħajt li qed jinbena fi Triq Santa Rita man-naħa ta' Triq il-Vitorja ma sarulux katusi minn fejn jisbokka l-ilma tax-xita. Huwa qal ukoll li l-*gutter* li sar fi Triq Santa Rita hemm bżonn li jingħalaq b'*cover* adekwat minħabba li qiegħed perikoluż. — Ilmenti dwar il-ħajt u l-*gutter* ta' Triq Santa Rita

Is-Sindku qal li ser iġib dawn il-materji għall-attenzjoni tal-perit tal-proġett u tal-kuntrattur.

13.17 Il-Kunsillier Andrew Mallia talab li jsir rapport lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika dwar ġrieden li hemm fiż-żona tal-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet. — Ġrieden fiż-żona tal-*Housing Estate* ta' Għajn Qajjet

13.18 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li tintbagħat ittra lil Heritage Malta sabiex jinżabru is-siġar u jinqata' l-ħaxix li hemm fuq is-sit arkeoloġiku ta' Triq Nikola Saura. Il-Kunsill qabel. — Ittra lil Heritage Malta

13.19 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li jiġi mbarrat l-aċċess għall-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ sakemm isiru x-xogħlijiet fuq l-imsemmija latrina. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Jiġi mbarrat l-aċċess għal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ

**14.00 Data tas-seduta li jmiss**

14.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

14.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**